MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2006

Numru. 1201/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Daniel Zammit)**
**vs**
**Andrew Formosa**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Andrew Formosa** bin Joseph u Helen nee' Zammit, imwieled Pieta fid-19 ta' Lulju, 1984, residenti gewwa 31, Triq Santa Venera, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 356484(M);

1. Talli fid-9 ta' Novembru, 2006, ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar [16:45hrs] gewwa Triq Tigne, tas-Sliema u fi bnadiohra gewwa dawn il-Gzejjer ikkommetta serq minn gewwa l-vettura Mazda 121 bin-numru tar-registrazzjoni DAQ-194, propjeta' ta' Nathalie

Vella, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Triq Tigne, tas-Sliema u fi bnadiohra gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq minn gewwa l-vettura Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni FBR-985, propjeta’ ta’ Fredrick Pulis, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-vettura ta’ Nathalie Vella, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 [hamsin lira Maltin] ghad-dannu tal-istess Nathalie Vella;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-vettura ta’ Fredrick Pulis, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 [hamsin lira Maltin] ghad-dannu tal-istess Fredrick Pulis;

5. U fl-ahhar nett talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kont gejt misjub hati b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrat (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat minnu konfermata wara li l-Qorti taghtu zmien sufficjenti sabiex jikkontempla id-dikjarazzjoni tieghu;
Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 (b), (c) u (g), 263, 268, 271, 278 (2), 280, 281, 325 (c) , 49 u 50 tal-Kap 9

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tenut kont tal-eta tal-imputat u li rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri;

Il-Qorti qed tikkundnnah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jiddekkorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna li l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi stante li l-prosekuzzjoni ma ghandhiex il-kunsens tal-istess sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommmarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------